

Brussell, 30 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7734/22

ENV 298

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	29 ta' Marzu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D080007/01
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI ta' XXX li temenda d-Deċiżjonijiet 2014/312/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE, (UE) 2016/1332 u (UE) 2017/176 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument D080007/01.

Mehmuż: D080007/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
D080007/01
[...] (2022) **XXX** draft

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li temenda d-Deċiżjonijiet 2014/312/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE, (UE) 2016/1332 u (UE) 2017/176 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' **XXX**

li temenda d-Deċiżjonijiet 2014/312/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE, (UE) 2016/1332 u (UE) 2017/176 fir-rigward tal-perjodu ta' validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprevedi li l-Ekotikketta tal-UE tista' tiġi mgħotija lill-prodotti li jħallu impatt ambjentali mnaqqas tul iċ-ċiklu kollu ta' ħajjithom. Se jiġu stabbiliti kriterji speċifiċi tal-Ekotikketta tal-UE għal kull grupp ta' prodotti.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/312/UE², il-Kummissjoni stabbiliet kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "żebgħa u verniċ ta' barra u ta' ġewwa". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/391/UE³, il-Kummissjoni stabbiliet il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "saqqijiet tas-sodda". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fit-28 ta' Lulju 2022.
- (4) Permezz tad-Deċiżjoni 2014/763/UE⁴, il-Kummissjoni stabbiliet il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "prodotti assorbenti tal-iġjene". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.

¹ ĠU L 27, 30.1.2010, p. 1.

² Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/312/UE tat-28 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għaż-żebgħa u l-verniċi ta' barra u ta' ġewwa (ĠU L 164, 3.6.2014, p. 45).

³ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/391/UE tat-23 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għas-saqqijiet tas-sodda (ĠU L 184, 25.6.2014, p. 18).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/763/UE tal-24 ta' Ottubru 2014 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta tal-UE għall-prodotti assorbenti tal-iġjene (ĠU L 320, 6.11.2014, p. 46).

- (5) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1332⁵, il-Kummissjoni stabbiliet il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "għamara". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fit-28 ta' Lulju 2022.
- (6) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2017/176⁶, il-Kummissjoni stabbiliet il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti "kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù". Il-validità ta' dawk il-kriterji u r-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati se tiskadi fis-26 ta' Jannar 2023.
- (7) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE tat-30 ta' Ġunju 2017⁷, il-Kummissjoni, flimkien mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, ivvalutat u kkonfermat ir-rilevanza tal-gruppi ta' prodotti msemmija hawn fuq għall-iskema tal-Ekotikketta tal-UE.
- (8) Barra minn hekk, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-Ekotikketta tal-UE tat-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni, flimkien mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-UE, qiegħda timplimenta soluzzjonijiet biex ittejjeb is-sinerġiji fost il-gruppi ta' prodotti u biex iżżid l-użu tal-Ekotikketta tal-UE, inkluż ir-raggruppament tal-gruppi ta' prodotti li huma relatati mill-qrib ma' xulxin fejn ikun xieraq u l-iżgurar li, matul il-proċess ta' reviżjoni, tingħata attenzjoni xierqa lill-koerenza bejn il-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-evidenza xjentifika rilevanti tal-UE.
- (9) Biex tkompli tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari, il-Kummissjoni qed tittestja l-integrazzjoni tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti (PEF)⁸ fir-reviżjoni tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-prodotti assorbenti tal-iġjene u għaż-żebgħa u l-verniċi ta' barra u ta' ġewwa f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid għal Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva⁹. Għalhekk huwa xieraq li l-validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2014/312/UE u 2014/763/UE sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq ir-reviżjoni tal-kriterji għaż-żebgħa u l-verniċi ta' barra u ta' ġewwa ladarba l-industrija tkun iffinalizzat il-proċess ta' reviżjoni tar-Regoli tal-Kategorija tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti għaż-żebgħa dekorattiva¹⁰, u tiffinalizza r-reviżjoni li għaddejjja tal-kriterji għall-prodotti assorbenti tal-iġjene, li qed tieħu aktar żmien milli kien ippjanat oriġinarjament, billi jiġu integrati r-riżultati tal-istudji dwar il-PEF.
- (10) Għall-istess raġuni, il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għas-saqijiet tas-sodda, l-għamara u l-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù għandhom jiġu riveduti f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Ġdid għal Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva u l-inizjattivi leġiżlattivi futuri relatati. Għalhekk huwa xieraq li

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1332 tat-28 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-Ekotikketta tal-UE għall-għamara (ĠU L 210, 4.8.2016, p. 100).

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/176 tal-25 ta' Jannar 2017 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù (ĠU L 28, 2.2.2017, p. 44).

⁷ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rieżami tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE (COM(2017) 355 final).

⁸ https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/policy_footprint.htm

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni ġdid għal Ekonomija Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, (COM(2020) 98 final).

¹⁰

https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/documents/PEFCR_Decorative%20Paints_Feb%202020.pdf

l-validità tal-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE stabbiliti fid-Deċiżjonijiet 2014/391/UE, (UE) 2016/1332 u (UE) 2017/176 tittawwal sal-istess data tat-tmiem sabiex il-Kummissjoni tirrevedi l-kriterji għat-tliet gruppi ta' prodotti flimkien, f'sinerġija mal-inizjattivi leġiżlattivi li jmiss, u tgħaqqadhom flimkien jekk dan jitqies possibbli.

- (11) Sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex jiġu ffinalizzati l-proċessi ta' reviżjoni għall-gruppi kollha ta' prodotti, u biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-suq għad-detenturi tal-liċenzji, il-perjodu ta' validità tal-kriterji attwali u tar-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati jenħtieġ li jittawwal sal-31 ta' Diċembru 2025 għaż-żebgħa u l-vernìc ta' barra u ta' ġewwa, sal-31 ta' Diċembru 2026 għas-saqqujiet tas-sodda, sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-prodotti assorbenti tal-iġjene u sal-31 ta' Diċembru 2026 għall-għamara u għall-kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjonijiet 2014/312/UE, 2014/391/UE, 2014/763/UE, (UE) 2016/1332 u (UE) 2017/176 jiġu emendati skont dan.
- (13) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni 2014/312/UE

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/312/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti “żebgħa u vernìc ta' barra u ta' ġewwa”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2025.”

Artikolu 2

Emenda għad-Deċiżjoni 2014/391/UE

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/391/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti “saqqijiet tas-sodda”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.”

Artikolu 3

Emenda għad-Deċiżjoni 2014/763/UE

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2014/763/UE huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti “prodotti assorbenti tal-iġjene”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2023.”

Artikolu 4

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2016/1332

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2016/1332 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti “għamara”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.”

Artikolu 5

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2017/176

L-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni (UE) 2017/176 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

Il-kriterji tal-Ekotikketta tal-UE għall-grupp ta' prodotti “kisi tal-art b'bażi tal-injam, tas-sufra u tal-bambù”, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati magħhom, għandhom jibqgħu validi sal-31 ta' Diċembru 2026.”

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni